

Il-Ġurnal Ufficijali C 435 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Volum 63

Informazzjoni u Avviżi

16 ta' Diċembru 2020

Werrej

II Komunikazzjonijiet

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2020/C 435/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Il-Każ M.9948 — Allianz/GE/JV) (1)	1
---------------	---	---

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2020/C 435/02	Rata tal-kambju tal-euro — Il-15 ta' Diċembru 2020	2
---------------	--	---

V Awizi

PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

Il-Kummissjoni Ewropea

2020/C 435/03	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-każ M.10037 — Mitsui/Veolia/JV) Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata (1)	3
---------------	---	---

2020/C 435/04	Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni (Il-każ M.10028 — Black Diamond Capital Management/Investindustrial Group/Phenolic Specialty Resins Business of Hexion) (1)	5
---------------	--	---

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE.



Il-Kummissjoni Ewropea

2020/C 435/05	Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni tal-approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33	7
2020/C 435/06	Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġett ikel	14

II

*(Komunikazzjonijiet)***KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA****IL-KUMMISSJONI EWROPEA****Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata****(Il-Każ M.9948 — Allianz/GE/JV)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)*

(2020/C 435/01)

Fit 10 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹). It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss fl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- fit-taqSIMA tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovd diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/homepage.html?locale=mt>) fid-dokument li jgħiġ in-numru 32020M9948. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-internet għal-liġi Ewropea.

¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊI U AĞENZJJI
TAL-UNJONI EWROPEA**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro⁽¹⁾

Il-15 ta' Diċembru 2020

(2020/C 435/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju	
USD	Dollaru Amerikan	1,2140	CAD Dollaru Kanadiż	1,5473
JPY	Yen Ġappuniż	126,08	HKD Dollaru ta' Hong Kong	9,4110
DKK	Krona Daniża	7,4427	NZD Dollaru tan-New Zealand	1,7174
GBP	Lira Sterlina	0,90795	SGD Dollaru tas-Singapor	1,6195
SEK	Krona Żvediża	10,1928	KRW Won tal-Korea t'Isfel	1 327,69
CHF	Frank Żvizzeru	1,0770	ZAR Rand ta' l-Afrika t'Isfel	18,1409
ISK	Krona Iżlandiża	154,80	CNY Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,9462
NOK	Krona Norveġiża	10,6140	HRK Kuna Kroata	7,5262
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR Rupiah Indoneżjan	17 196,01
CZK	Krona Ċeka	26,361	MYR Ringgit Malażjan	4,9222
HUF	Forint Ungeriż	355,32	PHP Peso Filippin	58,334
PLN	Zloty Pollakk	4,4426	RUB Rouble Russu	89,4183
RON	Leu Rumen	4,8688	THB Baht Tajlandiż	36,467
TRY	Lira Turka	9,5295	BRL Real Brażiljan	6,1783
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6113	MXN Peso Messikan	24,4905
			INR Rupi Indjan	89,3400

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-każ M.10037 — Mitsui/Veolia/JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 435/03)

1. Fit-8 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Mitsui & Co., Ltd (“Mitsui”, il-Ġappun),
- Veolia Japan K.K. (“Veolia”, il-Ġappun), ikkontrollata minn Veolia Environnement (Franza)

Mitsui u Veolia jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' kumpanija ġdida li tikkostitwixxi impriżja konguña, jiġifieri Circular PET Co., Ltd (“Circular PET”, il-Ġappun).

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Mitsui hija kumpanija involuta fil-kummerċ, il-ġestjoni tan-negożju u l-iżvilupp ta' proġetti, u l-kwartieri ġenerali tagħha jinsabu f'Tokjo, il-Ġappun. Mitsui topera madwar id-dinja u hija attiva f'diversi setturi, inklużi: (i) il-prodotti tal-ħadid u tal-azzar; (ii) ir-riżorsi minerali u tal-metall; (iii) il-proġetti infrastrutturali; (iv) il-mobilità; (v) il-kimiki bażiċi; (vi) is-sustanzi kimiċi ta' prestazzjoni; (vii) l-enerġija; (viii) ir-riżorsi tal-ikel; (ix) is-servizzi għall-konsumatur; u (x) l-iżvilupp korporativ / tal-IT u tal-komunikazzjoni,
- Veolia hija attiva fis-servizzi ta' ġestjoni ambientali. Hijha tfassal u tippovodi soluzzjonijiet għall-ġestjoni tal-ilma, l-iskart u l-enerġija. Veolia hija sussidjarja posseduta kollha minn Veolia Environnement, li hija elenkata fil-Borża ta' Pariġi u topera madwar id-dinja. Veolia Environnement għandha l-kwartieri ġenerali tagħha f'Pariġi, fi Franza,
- Circular PET se tkun attiva fil-manifattura tal-polietileneftalat riċiklat bl-użu ta' skart ta' fliexken tal-polietilente-ftalat fil-Ġappun.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

^(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (“ir-Regolament dwar l-Għaqdiet”).

Skont in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10037 — Mitsui/Veolia/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-posta elettronika, bil-faks jew bil-posta. Int mitlub tuża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Kaž M.10028 — Black Diamond Capital Management/Investindustrial Group/Phenolic Specialty Resins Business of Hexion)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 435/04)

- Fl-4 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Black Diamond Capital Management LLC (“Black Diamond”, l-Istati Uniti tal-Amerika),
- Fusion Investment S.a.r.l (“FI”, il-Lussemburgo), ikkонтrollata minn Investindustrial S.A. (“Investindustrial”, il-Lussemburgo), u
- Phenolic Specialty Resins Business of Hexion (“il-Kumpanija fil-Mira”), li tappartjeni għal Hexion Inc. (“Hexion”, l-Istati Uniti tal-Amerika).

Black Diamond u Investindustrial jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3 (1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta’ Phenolic Specialty Resins Business ta’ Hexion (Black Diamond u Investindustrial kollettivament: Il-“Partijiet Notifikanti” (it-“Tranżazzjoni Proposta”).

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta’ assi.

- L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Black Diamond: ditta ta’ konsulenza dwar l-investiment b’efasi fuq erba’ oqsma ta’ investiment: (i) kontroll ta’ fondi f’diffikultà / ta’ ekwitā privata; (ii) fondi hedge; (iii) stress mhux ta’ kontroll / fond magħluq f’diffikultà; u (iv) obbligi ta’ self kollateralizzat.
- Investindustrial: grupp ta’ kumpaniji ta’ investiment, ta’ parteċipazzjoni u ta’ konsulenza finanzjarja ġestiti b’mod indipendent. Sussidjarji ta’ fondi ġestiti b’mod indipendent minn kumpaniji ta’ Investindustrial jinvestu b’mod predominant f’kumpaniji ta’ daqs medju attivi f’setturi tal-industrija bħall-konsumaturi u d-divertiment; il-kura tas-saħħha u s-servizzi; u l-manifattura industrijali.
- Hexion: produttur ta’ reżini termosetting, jew termosets, u reżini u kisi adeżivi u strutturali. Il-Kumpanija fil-Mira hija prinċipalment produttur ta’ reżini fenoliċi ta’ speċjalită, li jintużaw f’applikazzjonijiet li jeħtieġu reżistenza u saħħa tas-sħana estrema, bħal pads ta’ wara l-bejgħ u brejkijiet tat-trakkijiet OEM, filtrazzjoni, komponenti tal-ajruplani u reżini tal-funderija.

- Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

- Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi spesifikata:

M.10028 — Black Diamond Capital Management/Investindustrial Group/Phenolic Specialty Resins Business of Hexion

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta’ kuntatt ta’ hawn taħt:

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni tal-approvazzjoni ta' emenda standard għall-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott għal isem fis-settur tal-inbid, kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) u (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33

(2020/C 435/05)

Din il-komunikazzjoni hija ppubblikata skont l-Artikolu 17(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 (¹)

KOMUNIKAZZJONI TA' EMENDA STANDARD LI TIMMODIFIKA D-DOKUMENT UNIKU

“RIBEIRA SACRA”

PDO-ES-A1128-AM03

Data tal-komunikazzjoni: 15-09-2020

DESKRIZZJONI TAL-EMENDA APPROVATA U R-RAĠUNIJIET GĦALIHA

1. Tneħħija tar-restrizzjonijiet tat-taħlit tal-vendemmja

EMENDA:

Din l-emenda tikkonsisti fit-tħassir tal-aħħar paragrafu tal-punt 3 dwar prattiċi enoloġiċi speċifiċi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott, li permezz tagħhom sa 15 % tal-vendemmja ta' sena partikolari jista' jkun magħmul minn inbid mill-vendemmja preċedenti, jew, fi snin partikolarmat atipiċi, miż-żewġ vendemmji ta' qabel.

Il-punt 3(b) tal-ispeċifikazzjoni tal-prodott u l-punt 5(a) tad-Dokument Uniku ġew emendati skont dan.

Din hija meqjusa bħala emenda standard minħabba li ma taqa' taħbi l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi elenkti fl-Artikolu 14 (1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 tas-17 ta' Ottubru 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini, l-indikazzjonijiet ġeografiċi u t-termini tradizzjonali fis-settur tal-inbid, il-proċedura ta' oġġezzjoni, ir-restrizzjonijiet tal-użu, l-emendi għall-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott, it-tħassir tal-protezzjoni, u t-tikkettar u l-preżentazzjoni.

ĠUSTIFIKAZZJONI:

Ir-regola li tneħħiet kienet aktar restrittiva mil-legħiżlazzjoni aktar ġenerali tas-settur: l-unika kundizzjoni imposta mill-Artikolu 49 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/33 għat-tikkettar tal-inbejjed b'vendemmja hija li mill-inqas 85 % tal-għeneb użat biex jiġu mmanifatturati dawk l-inbejjed irid ikun inqata' fis-sena inkwistjoni. Fi kliem ieħor, il-15 % li jifdal jista' jkun minn kwalunkwe vendemmja, mingħajr limitazzjonijiet fuq is-snин.

Din l-emenda hija ggħustifikata għaliex l-inbejjed issa għandhom proprjetajiet li jżommuhom tajbin għax-xorb diversi snin wara li jkunu saru. Fċerti fabbriki tal-inbid, ladarba l-inbejjed ikunu stabilizzaw, iqattgħu mill-inqas sena fit-tank qabel ma jiġu bbottiljati. Barra minn hekk, il-pandemja tal-COVID-19 kellha impatt serju fuq l-industria tal-inbid minħabba diffiċultajiet fl-esportazzjoni u restrizzjonijiet fuq l-attività fis-settur tal-lukandi u tar-ristoranti, li jirrappreżenta proporzjon kbir tal-bejgħ tal-inbejjed minn din id-denominazzjoni tal-oriġini. Fdin is-sitwazzjoni, u minħabba li fil-futur jistgħu aktar kriżiġiet tas-saħħa, jagħmel sens li jiġu introdotti miżuri, bħal din, li jagħmlu l-bejgħ tal-inbejjed aktar faċċi.

(¹) ĠUL 9, 11.1.2019, p. 2.

DOKUMENT UNIKU

1. Isem/ismijiet għar-reġistrazzjoni

Ribeira Sacra

2. Tip ta' indikazzjoni ġeografika

DOP – Denominazzjoni ta' Oriġini Protetta

3. Kategoriji tal-prodotti tad-dwieli

1. Inbid

4. Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed

Ribeira Sacra Summum aħmar u Ribeira Sacra aħmar

Ribeira Sacra *Summum* ħomor:

- Dehra viżiva: ċara u tleqq; intensità tal-kulur minn medja sa għolja; ħomor lewn iċ-ċirasa għal ħomor fil-vjola.
- Riħa: irwejjaħ ta' frott artab aħmar (frott tal-forest) jew frott tas-siġar (frott tal-għadma aħmar) (mill-inqas waħda minn dawn il-kategorji).
- Togħma: inbejjed tajbin; frott artab aħmar jew frott tas-siġar (aromi minn mill-inqas waħda minn dawn il-kategorji); alkoħol, aċidità u astringenza bilanċjati; togħma li ddum fil-ħalq.

Ribeira Sacra ħomor:

- Dehra viżiva: ċara u tleqq; intensità tal-kulur minn medja sa għolja; ħomor lewn iċ-ċirasa għal ħomor fil-vjola.
- Riħa: irwejjaħ ta' frott artab aħmar (frott tal-forest) jew frott tas-siġar (frott tal-għadma aħmar) (mill-inqas waħda minn dawn il-kategorji).
- Togħma: inbejjed tajbin; frott artab aħmar jew frott tas-siġar (aromi minn mill-inqas waħda minn dawn il-kategorji); alkoħol, aċidità u astringenza bilanċjati; togħma li ddum fil-ħalq.

* Għall-valuri kollha mhux mogħtija hawn taħt, l-inbejjed iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi

Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika propria minima (f% tal-volum)	11
Aċidità totali minima	4,5 grammi għal kull litru espresso bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	11,67
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	120

INBID ABJAD: Ribeira Sacra *Summum* bojod

- Dehra viżiva: ċari u jleqqu; minn pallidi għal lewn id-deheb.
- Riħa: inbejjed tajbin; irwejjaħ tal-frott tas-siġar (frott abjad taż-żerriegħa u tal-għadma).
- Togħma: inbejjed tajbin; aromi tal-frott tas-siġar; alkoħol u aċidità bilanċjati; togħma li ddum fil-ħalq.

* Għall-valuri kollha mhux mogħtija hawn taħt, l-inbejjed iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika propria minima (f% tal-volum)	11
Aċidità totali minima	4,5 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	11,67
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	160

INBID AĦMAR: Ribeira Sacra Súmmun Barrica ħomor u Ribeira Sacra Súmmun Garda ħomor

L-inbejjed, minbarra li jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' hawn fuq, biex jiġu kkummerċjalizzati bħala Barrica ("bettija"), irid ikollhom ukoll il-karatteristiċi li ġejjin:

- Riħa: ħwawar, injam jew ballut (aromi minn mill-inqas waħda minn dawn il-kategoriji).
- Togħma: ħwawar, injam jew ballut (aromi minn tal-inqas waħda minn dawn il-kategoriji).

* Għall-valuri kollha mhux mogħtija hawn taħt, l-inbejjed iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika propria minima (f% tal-volum)	12
Aċidità totali minima	4,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	16,67
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	140

INBID ABJAD: Ribeira Sacra Barrica bojod u Ribeira Sacra Garda bojod

L-inbejjed, minbarra li jridu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' hawn fuq, biex jiġu kkummerċjalizzati bħala Barrica ("bettija"), irid ikollhom ukoll il-karatteristiċi li ġejjin:

- Riħa: ħwawar, injam jew ballut (aromi minn tal-inqas waħda minn dawn il-kategoriji).
- Togħma: ħwawar, injam jew ballut (aromi minn tal-inqas waħda minn dawn il-kategoriji).

* Għall-valuri kollha mhux mogħtija hawn taħt, l-inbejjed iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika propria minima (f% tal-volum)	12
Aċidità totali minima	4,5 fi grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku

Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	16,67
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	160

INBID ROŽŻE: Ribeira Sacra Súmmum rożè

- Dehra viżiva: ċara u tleqq; intensità tal-kultur minn baxxa sa medja; roża ċari għal ġumor lewn iċ-ċirasa.
 - Riħa: aromi ta' frott tal-forestu jew ta' frott tal-għadma aħmar (aromi minn mill-inqas waħda minn dawn il-kategoriji).
 - Togħma: inbejjed tajbin; frott tal-forestu jew frott tal-għadma aħmar (aromi minn mill-inqas waħda minn dawn il-kategoriji); alkoħol u aċidità bilanċjati; togħma li ddum fil-ħalq.
- * Għall-valuri kollha mhux mogħtija hawn taħt, l-inbejjed iridu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni attwali.

Karatteristiċi analitiċi	
Qawwa alkoħolika totali massima (f% tal-volum)	
Qawwa alkoħolika propria minima (f% tal-volum)	11
Aċidità totali minima	4,5 grammi għal kull litru espressi bħala aċidu tartariku
Aċidità volatili massima (f'milliekwivalenti għal kull litru)	11,67
Total massimu ta' diossidu tal-kubrit (f'milligrammi għal kull litru)	120

5. Prattiki tal-produzzjoni tal-inbid

a. Prattiki enoloġiċi speċifiċi

Prattika enoloġika speċifika

- Ir-rata ta' estrazzjoni ma għandhiex tkun aktar minn 69 l ta' nbid għal kull 100 kg ta' għeneb, u 40 l ta' nbid għal kull 100 kg ta' għeneb fil-każ tal-inbejjed rożè.
- Biex jintuża t -terminu *Barrica*, jeħtieġ li l-inbejjed ikunu mmaturaw fi btieti tal-injam, filwaqt li jiġu rrispettati r-rekwiżi li ġejjin fir-rigward tal-perjodi minimi ta' maturazzjoni u l-volumi massimi:
 - Ħomor: minimu ta' sitt xħur fi btieti b'kapaċità massima ta' 500 l;
 - Bojod: minimu ta' tliet xħur fi btieti b'kapaċità massima ta' 600 l.
- Biex jintuża t -terminu *Garda* [b'referenza għall-inbejjed li "jinżammu" jew "jinħażnu"], l-inbejjed jeħtieġ li jkunu tħallew jimmaturaw għal mill-inqas seba' xħur fil-każ tal-ħomor u erba' xħur fil-każ tal-bojod f'tankijiet magħħmulin mill-injam, mill-konkrit jew minn materjali oħra awtorizzati skont il-liġi tal-ikel, bl-eċċeżżjoni tal-azzar u l-polyster, li jissodis faw ir-rekwiżi tal-volum li ġejjin:
 - Għall-ħomor:
 - tankijiet tal-injam b'kapaċità ta' bejn 225 l u 10 000 l;
 - tankijiet magħħmulia mill-konkrit jew materjali oħra b'kapaċità sa 5 000 l.
 - Għall-bojod:
 - tankijiet tal-injam b'kapaċità ta' bejn 225 l u 8 000 l;
 - tankijiet magħħmulia mill-konkrit jew materjali oħra b'kapaċità sa 5 000 l.

Restrizzjoni rilevanti fuq il-produzzjoni tal-inbejjed

- Il-varjetajiet tal-għeneb aħmar Mencía, Brancellao, Merenzao, Sousón, Caíño Tinto, Caíño Longo u Caíño Bravo u l-varjetajiet tal-għeneb abjad Godello, Loureira, Treixadura, Dona Branca, Albariño, Torrontés, Branco Lexítimo u Caíño Blanco huma mejusa bħala l-varjetajiet preferuti jew ewlenin, u għandhom jagħmlu mill-inqas 85 % tal-kompożizzjoni tal-inbejjed Símmum. Mill-inqas 70 % tal-inbejjed ħomor li mhumiex ikkummerċjalizzati bħala Símmum għandu jkun Mencía.
- L-użu ta' preses kontinwi jew ta' magni tat-tisħiq ċentrifugi b'veloċità għolja mhux permess.
- It-termovinifikkazzjoni – it-tisħin minn qabel tal-għeneb jew it-tisħin tal-most jew tal-inbid biex jiġi estratt il-kulur mill-ilbieba – mhix permessa.
- Meta jiġi mmanifatturati l-inbejjed rożè Ribeira Sacra, il-perjodu ta' kuntatt mal-qoxra ma jistax jaqbeż it-48 siegħa.
- Il-laqx tal-ballut ma jistax jintuża waqt il-produzzjoni tal-inbid jew fi proċessi sussegamenti.

Prattika ta' kultivazzjoni

- L-għeneb għandu jinqata' b'attenzjoni kbira u jingħabar bl-idejn f'ċestuni awtorizzati mill-Bord Regolatorju. Irid jintuża biss għeneb tajjeb u misjur biżżejjed biex jiġu prodotti l-inbejjed protetti.

b. Rendimenti massimi għal kull ettaru

Varjetajiet ta' għeneb aħmar

9 500 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

Varjetajiet ta' għeneb aħmar

65,55 ettolitri għal kull ettaru

Varjetajiet ta' għeneb abjad

12 000 kilogramma ta' għeneb għal kull ettaru

Varjetajiet ta' għeneb abjad

82,80 ettolitri għal kull ettaru

6. Definizzjoni taż-żona demarkata

Iż-żona demarkata hija magħmulha minn ġames subżoni li jkopru partijiet mill-muniċipalitajiet li ġejjin:

- Subżona ta' Amandi: Sober u Monforte de Lemos
- Subżona ta' Chantada: Portomarín, Taboada, Chantada, Carballedo u A Peroxa.
- Subżona ta' Quiroga-Bibei: Monforte de Lemos, A Pobra de Brollón, Quiroga, Ribas de Sil, a Pobra de Trives, Manzaneda u San Xoán de Río.
- Subżona ta' Ribeiras do Miño: Paradela, O Saviñao, Pantón, Sober u Monforte de Lemos.
- Subżona ta' Ribeiras do Sil: A Teixeira, Parada do Sil, Castro Caldelas u Nogueira de Ramuín.

Dawn il-muniċipalitajiet huma mifruxa fil-provinċji ta' Lugo u Ourense fil-Komunità Autonoma ta' Galicia.

7. Varjetà jew varjetajiet tad-dwieli li minnhom jinkiseb l-inbid/jinkisbu l-inbejjed

ALBARIN BLANCO – BRANCO LEXITIMO

ALBARIÑO

BRANCELLAO

CAÍÑO BLANCO

CAÍÑO BRAVO

CAÍÑO LONGO

CAÍÑO TINTO

DOÑA BLANCA – DONA BRANCA

GODELLO

LOUREIRA – LOUREIRO BLANCO

MENCÍA

MERENZAO

SOUSÓN

TORRONTÉS

TREIXADURA

8. Deskrizzjoni tar-rabta/rabtiet

Il-karatteristika ewlenja ta' dawn l-inbejjed hija l-prattika tat-tkabbir tad-dwieli magħrufa bħala viticultra *heroica* (vitikultura eroika), li fiha d-dwieli jitkabbru fuq għoljet imtarrġa wieqfa li jiffurmaw pajsaġġ antropoġeniku impressjonanti. Din il-formazzjoni tal-pajsaġġ tfisser li hemm ħafna mikroklimi. Għalhekk, l-għażla tal-altitudni u l-orientazzjoni tad-dwieli hija fattur kruċjali biex jiġi żgurat li l-għeneb isir kif suppost. Barra minn hekk, l-għeneb użat jikkonsisti prinċipalment minn varjetajiet li huma nattivi għaż-żona. Dawn intgħażlu mill-produtturi tal-inbid matul is-sekli u adattaw għall-klima u l-ħamrija lokali. Iż-żona tipproduċi l-aktar inbejjed ħomor, bl-aktar varjetà prominenti tkun il-Mencía. L-inbejjed fihom toħġma ta' frott, b'kulur ġħamar lewn iċ-ċirasa u aċidità bilanċjata.

9. Rekwiżiti oħra applikabbli (ippakkjar, tikkettar, rekwiżiti addizzjonal)

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonal:

Deroga fuq il-produzzjoni fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Iż-żona tal-produzzjoni hija magħmula prinċipalment minn għoljet weqfin, li jagħmluha diffiċli li jinbnew fabbriki tal-inbid. L-inbejjed jistgħu għalhekk isiru ffabbari tal-inbid mibnija fuq art li tinsab fċerti parroċċi ħdejn iż-żona tal-produzzjoni, fis-subżoni u l-muniċipalitajiet li ġejjin:

Amandi: Sober.

Chantada: Carballedo, A Peroxa, Portomarín, Taboada u Chantada.

Ribeiras do Miño: Pantón u O Saviñao.

Ribeiras do Sil: A Teixeira u Castro Caldelas.

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonal:

L-ippakkjar fiż-żona ġeografika demarkata

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

L-inbejjed għandhom jiġu bbottiljati fis-sors. It-trasport u l-ibbottiljar tal-inbid barra miż-żona tal-produzzjoni tal-inbid jistgħu jipperikolaw il-kwalità, peress li l-inbid jista' jkun espost għall-ossidazzjoni u għar-riduzzjoni, għal varjazzjonijiet fit-temperatura u għal influwenzi oħra. Aktar ma l-inbid jivvjaġġa, aktar ikun kbir ir-riskju. L-ibbottiljar fiż-żona tal-oriġini jippermetti li jinżammu l-karatteristiċi u l-kwalità tal-prodott.

Qafas legali:

Fil-leġiżlazzjoni nazzjonali

Tip ta' rekwiżit addizzjonal:

Dispożizzjonijiet addizzjonal dwar it-tikkettar

Deskrizzjoni tar-rekwiżit:

Il-karattri użati biex jindikaw l-isem tad-denominazzjoni tal-oriġini għandhom ikunu mill-inqas 4 mm twal. L-isem tas-subżona u tal-varjetà għandhom jiġu indikati bl-użu ta' karattri li ma jaqbżux nofs l-għoli ta' dawk użati għall-isem tad-DOP.

L-użu tat-trademark huwa obbligatorju. Jekk l-inbejjed jiġu ttikkettati bi trademarks li jintużaw ukoll għal denominazzjonijiet ta' oriġini oħrajn, l-isem Ribeira Sacra għandu jkun fl-istess parti viżiva bħat-trademark u tal-inqas tliet darbiet akbar minnha. L-isem Ribeira Sacra jrid jidher ukoll fuq l-istess sfond u bl-istess stil ta' kitba bħal dik tat-trademark.

Tikketta sekondarja numerata, li tinkludi l-logo tad-denominazzjoni tal-oriġini, għandha titwaħħal mal-fliexken kollha.

Link għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

https://mediorural.xunta.gal/sites/default/files/produtos/en-tramitacion/PLIEGO_DE_CONDICIONES_DO_RIBEIRA_SACRA_julio_2020_final.pdf

Pubblikazzjoni ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' isem skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal-prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel

(2020/C 435/06)

Din il-pubblikazzjoni tikkonferixxi d-dritt ta' oppożizzjoni għall-applikazzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹) fi żmien tliet xħur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni.

DOKUMENT UNIKU

“BAYRAMIÇ BEYAZI”

Nru tal-UE: PDO-TR-02391 — 1 ta' Frar 2018

DOP (X) IĠP ()

1. Isem/Ismijiet [TAD-DOP JEW TAL-IĠP]

“Bayramiç Beyazı”

2. Stat membru jew pajjiż terz

It-Turkija

3. Deskrizzjoni tal-prodott agrikolu jew tal-oġġett tal-ikel

3.1. Tip ta' prodott

Klassi 1.6. Frott, ġnejx u ċereali, friski jew ipproċessati

3.2. Deskrizzjoni tal-prodott li għaliha japplika l-isem f'(1)

Bayramiç Beyazı huwa l-frotta ta' varjetà lokali tan-nuċiprisk li tappartjeni għall-ispeċi *Prunus persica*. Il-frott għandu forma lixxa u qoxra rqiqha. Iż-żerriegħha tkun imwaħħla mal-laħam. Għandu toghħma ħelwa, aromatika u kemxejn aċiduża.

Il-prodott għandu l-karatteristiċi li ġejjin:

- Kulur: Minn aħdar ċar għal isfar fuq barra u l-kulur tal-polpa minn abjad għal isfar ċar. Il-kulur tal-qoxra huwa bejn il-valuri Pantone 583–587 C jew il-valuri L* a* b* ta' 56–58, 15–14 u 24–24,5 rispettivament.
- Piż u daqs tal-frotta: piż ta' 30–60 g, dijametru ta' 38–52 mm, tul ta' 36–42 mm.
- Gradi Brix: minimu ta' 9,5°
- Aċidità (%) ta' aċidu maliku): minimu 0,3 u massimu 0,5
- Sodezza tal-laħam tal-frott: minimu ta' 5,0 u massimu ta' 7,0 kg/cm²
- Aroma: Friska u ħelwa b'taħlita ta' berquq, ħawħ u għanbaqar

3.3. Għalf (għall-prodotti li joriġinaw mill-annimali biss) u materja prima (għall-prodotti pproċessati biss)

—

3.4. Passi speċifiċi fil-produzzjoni li jridu jittieħdu fiż-żona ġeografika identifikata

Il-passi kollha fil-produzzjoni tal-Bayramiç Beyazı jridu jsiru fiż-żona ġeografika identifikata inkluż il-ħruġ taż-żahar, it-tħawwil, iż-żbir u l-ħsad.

3.5. Regoli speċifici dwar it-tqattiġi, it-taħkik, l-ippakkjar, ecc.

—

(¹) ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.

3.6. Regoli speċifici dwar it-tikkettar

Il-logo ta' identifikazzjoni tal-“Bayramiç Beyazı” għandu jitwaħħal mal-pakketti kollha inklużi l-kaxex.



4. Definizzjoni konċiża taż-żona ġeografika

Iż-żona ġeografika hija d-distrett ta' Bayramiç. Tinsab fil-provinċja ta' Çanakkale fil-Majjistral tat-Turkija.

5. Rabta maż-żona ġeografika

Speċifiċità taż-żona ġeografika

Fatturi naturali

Id-distrett ta' Bayramiç huwa magħmul minn pjanuri u qraten fl-għoli ta' 500–1 000 m ħdejn il-muntanja Każ, l-akbar massa tal-Peniżola ta' Biga. Livell għoli ta' xemx minħabba l-elevazzjoni jżid il-fotosinteżi, u jagħti lill-Bayramiç Beyazı togħma aktar ġelwa. Temperaturi għoljin matul il-jum (temperatura medja fix-xahar ta' 32–34 °C għal Lulju) u temperaturi baxxi matul il-lejl (temperatura medja fix-xahar ta' 12–15 °C għal Lulju) matul il-perjodu ta' maturazzjoni minħabba l-elevazzjoni, jiddominaw f'dan id-distrett. It-temperatura baxxa ta' billej tnaqqas ir-rata ta' respirazzjoni u l-metaboliżmu tal-pjanta. Għalhekk, hemm aktar ilma bejn ix-xquq interċellolari li jirriżulta fi frott aktar sod.

Id-distrett ta' Bayramiç għandu ġamrija mrammla, rikka b'nutrijenti u b'ħafna xmajjar żgħar u nixxīgħat u preċipitazzjoni li tamonta sa' 600–700 mm, u dan kollu joffri kundizzjonijiet ideali għall-kultivazzjoni tal-frott u l-hnejnej. Il-valur pH tal-ħamrija huwa ta' bejn 6 u 7 fid-Distrett ta' Bayramiç. Dan il-valur pH huwa dak l-aktar adattat għas-siġar biex mill-għeruq jieħdu l-elementi minerali bħala joni. B'dan il-mod, l-elementi minerali maħlula fl-ilma ta' taħbi l-art jittieħdu mill-pjanti biex jipproċu frott sod. Ir-reġjun huwa wkoll rikk ħafna fil-fawna tal-insetti u fl-apikultura li jirriżulta f'dakkir aktar effiċċienti u frott aktar b'saħħtu. Il-livell tal-ilma ta' taħbi l-art huwa ta' madwar 2 m fiż-żona, li huwa fond wisq biex jintlaħaq mill-għeruq u li ma jikkawżax għargħar tal-għeruq li mbagħad inaqqas il-kwalità tal-frott.

Fatturi umani

Wieħed mill-elementi essenzjali fil-produzzjoni tal-“Bayramiç Beyazı” huwa l-ħila tal-produtturi lokali, b'mod partikolari waqt iż-żbir u l-ħsad. Waqt iż-żbir, is-siġar jingħataw forma ta' kanupew li jiżgura li aktar dawl u arja jilħqu l-frott. Dan iżid il-fotosinteżi, il-produzzjoni tal-karotenoidi u attivitajiet metaboliċi oħra li jirriżultaw f'togħma aktar ġelwa, f'kulur distint tal-qoxra u faroma aktar qawwija. Il-ħsad jiddependi fuq il-bidwi li jiġi għidha ż-żmien propizju biex jaħsod in-nuċċiprisk. In-nuċċiprisk jinqata' bl-idejn darbejnej jew 3 darbiet minn kull siġra. Il-ġbir bl-idejn jiżgura protezzjoni aħjar tal-kultivazzjoni u jipprevjeni kwalunkwe ħsara.

Speċifiċità tal-prodott

Bayramiç Beyazı huwa ġenotip tan-nuċċiprisk lokali li matul is-snini kibek ġmielu fil-kundizzjoni naturali tad-Distrett ta' Bayramiç. Huwa kkaratterizzat mill-aroma friska u ħelwa tiegħi b'taħlita ta' aromi tal-berquq, tal-ħawħ u tal-għanbaqar. Bosta studji kkonfermaw li l-“Bayramiç Beyazı” mkabbbar fiż-żona ġeografika għandu komponenti volatili oħħla u aroma aktar qawwija meta mqabbbla ma' dawk imkabba f'distretti oħra. L-aroma u r-riħa speċifiċi tal-frott huma kkaratterizzati b'mod speċjali minn 2-Eżenal, mill-Eżenal u minn (E)-2-eżenal li nstab li kienu oħħla f'Bayramiç Beyazı mkabbra fid-distrett ta' Bayramiç milli f'żoni Torok oħra.

Kawżalitâ

Il-kundizzjonijiet ambjentali (Livell għoli ta' xemx, temperatura għolja matul il-jum, u temperatura baxxa billejl u preċipitazzjoni għolja), iż-żbir speċjali tas-sigār li jippermetti xemx qawwija waqt il-maturazzjoni, jaffettwa l-kurur ta' barra, il-ħlewwa u s-sodezza tal-Bayramiç Beyazı mkabbra fiż-żona.

Ħafna nixxigħat u sorsi tal-ilma rikki fiż-żona jipprovd u biżżejjed irrigazzjoni, ħamrija rikka fil-minerali flimkien mad-diversità tal-fawna tal-insejti tagħha u t-tradizzjoni tal-apikultura joħolqu l-kundizzjonijiet ideali għat-tkabbir tal-frott li jirriżulta fid-daqqs u l-forma mixtieqa tal-frott. Il-pH tal-ħamrija huwa ideali għall-għeruq tas-sigār biex jieħdu minerali li jirriżultaw fi frott aktar sod.

Fatturi oħra minbarra l-kundizzjonijiet naturali li jżidu mal-ispecifitità tal-prodott jinkludu l-wirt tal-produtturi lokali. Il-ħila kif jiġi ddeterminat iż-żmien xieraq għall-ħsad u l-ġbir bl-idejn tal-frott mill-istess siġra f'żewġ jew 3 każijiet hija relatata mal-għarfien espert fiż-żona. Minħabba li l-frott f'kull siġra ma jimmaturax fl-istess ħin, dan il-metodu ta' ħsad jintuża biex jipprovdi frott uniformi b'kulur tal-qoxra, daqs, materja niexfa u aroma simili. Il-qtugħ bl-idejn jipprevjeni wkoll kull ħsara lill-frotta.

Referenza għall-pubblikazzjoni tal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament)

—

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Ufficċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT